MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Diċembru, 2019

Rikors Numru 920/2019 LM

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 634/2019 fl-ismijiet:**

**Clement Mifsud Bonnici (K.I. 371689M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta, VLT 14566 fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali ta' Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associato, ditta ta' avukati estera bl-indirizz uffiċjali sitwat fi 15, Via Alberto da Giussano, Milan b'numru tal-VAT 08327620962 debitament rappreżentata mill-Professur Massimo Benedettelli**

***vs.***

**Vertical Group Holding Limited (C 52240)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Vertical Group Holding Limited** (C 52240) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti eżekutata") *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid:

*Illi fil-konfront tas-soċjetà esponenti ġie spedit mandat ta' sekwestru eżekuttiv fl-ismijiet premessi in forza ta' digriet inġuntiv telematiku numru 26664/2017 maħruġ mill-Qorti ta' Milan fl-Italja fit-30 ta' Ottubru 2017.*

*Illi dan id-digriet inġuntiv telematiku ma ġiex regolarment notifikat lis-soċjetà esponenti Vertical Group Holding Limited billi jidher li tħalla ma' persuna li ma għandha ebda konnessjoni mas-soċjetà esponenti bil-konsegwenza li dan id-digriet qatt ma wasal għand is-soċjetà esponenti li għalhekk ma kellhiex l-opportunità li tikkontestah.*

*Illi kieku s-soċjetà esponenti ġiet notifikata regolarment bid-digriet inġuntiv telematiku hija kienet ser tikkontesta dan id-digriet inġuntiv telematiku skont kif jinsab provdut fil-liġi li tirregola l-Proċess Ċivili Telematiku billi tistitwixxi kawża ċivili fl-Italja sabiex tikkontesta l-ammont mitlub mid-ditta ta' avukati Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associato billi l-ammont reklamat mill-imsemmija ditta ta' avukati huwa esaġerat. Infatti l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u tmien mitt Euro (€23,800) ġie mitlub u reklamat bħala kumpens professjonali għal-laqgħa li ta' tliet sigħat u nofs miżmuma fl-uffiċini tad-ditta tal-Avukati msemmija f'Milan.*

*Illi di più l-liġi applikabbli f'tema ta' Proċess Ċivili Telematiku Ewropew tippermetti lis-soċjetà esponenti bħala l-allegata debitriċi li titlob ir-rieżami tad-digriet inġuntiv anki wara d-dekorrenza tat-terminu konċess lilha sabiex titlob ir-rieżami tad-digriet inġuntiv telematiku f'każ li n-notifika ma tkunx waħda regolari.*

*Illi s-soċjetà esponenti fi ħsiebha li teżerċita ukoll dan id-dritt mogħti lilha.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq esposti, is-soċjetà esponenti rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 634/2019 MH fl-ismijiet premessi għat-tenur u in forza tal-Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra d-ditta ta' avukati Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legali Associato.*

Rat ir-risposta tal-14 ta' Ottubru, 2019 ippreżentata minn **Dr Clement Mifsud Bonnici** (K.I. Numru 371689M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455 fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali ta' Radicati di Brozolo Sabatini Benedetelli – Studio Legale Associato, ditta ta' avukati estera bl-indirizz uffiċjali sitwat fi 15, Via Alberto da Giussano, Milan, bin-numru tal-VAT 08327620962 debitament rappreżentata mill-Professur Massimo Benedettelli

(minn issa 'l quddiem "l-intimati eżekutanti"), bi tweġiba għal dan ir-rikors, fejn eċċepit:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors intavolat mis-soċjetà debitriċi Vertical Group Holding Limited fis-16 ta' Settembru 2019 ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 634/2019 MH maħruġa kontriha fid-29 ta' Mejju 2019 (il-"Mandat ta' Sekwestru");*

2. *Illi, din ir-risposta qed tiġi ppreżentata fil-limiti tal-perijodu ta' għaxart ijiem permess mill-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u dan wara notifika tal-istess rikors fl-4 ta' Ottubru 2019;*

3. *Illi, bħala eċċezzjoni preliminari, qed jiġi sottomess illi r-rikors tas-soċjetà debitriċi f'dawn il-proċeduri għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu a bażi tal-fatt illi ebda prova ma ġiet ippreżentata sabiex issostni l-ilmenti allegati, u dan bi ksur ċar tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 281 (1) tal-Kap. 12, li jgħid illi d-dokumentazzjoni kollha li jsostnu rikors għall-impunjazzjoni ta' atti eżekuttivi għandhom jiġu annessi miegħu:*

   > *281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

4. *Illi, bħala eċċezzjoni preliminari oħra, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, assolutament mhuwiex minnu li d-decreto ingiuntivo telematico ma ġiex regolarment notifikat lis-soċjetà debitriċi. Anzi kien tabilħaqq notifikat regolarment u dan skont il-proċedura ta' Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) ("Regolament 1393/2007"), taħt Sezzjoni tal-istess li tistipula f'Artikolu 7 illi:*

   > *(1) L-aġenzija li tirċievi għandha tinnotifika d-dokument hi stess jew tqabbad lil min jinnotifikah skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat jew permezz ta' metodu partikolari mitluba mill-aġenzija li tibgħat, ħlief jekk dak il-metodu ma jkunx kompatibbli mal-liġi ta' dak l-Istat Membru.*

*Għalhekk, id-decreto ingiuntivo telematico kellu jiġi, u fil-fatt ġie, regolarment notifikat skont il-proċedura lokali ta' Malta, u speċifikament skont l-Artikolu 187 tal-Kap. 12, li jgħid f'sotto-artikolu (4):*

> *(4) (a) Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura (...) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp ...*

*L-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti huwa DMAX & Associates, Cat Lane, Swatar, Birkirkara, inċidentalment l-istess indirizz tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà DMAX & Associates (C 37818), kif joħroġ ċar mid-dettalji tas-soċjetà debitriċi stess imniżżlin mill-website tar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta u r-Reġistru dwar in-Negozju Ewropej, liema paġni huma annessi hawn taħt u mmarkati bħala Dokument A;*

*Illi r-riferta tan-notifika rilevanti għan-notifika tad-decreto ingiuntivo telematico turi li fis-6 ta' Frar 2018, ingħata lil waħda Natalia Vella, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 058654(A) fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti ġewwa Birkirkara (anness hawn taħt u mmarkat bħala Dokument B), u li evidentement hija impjegata ta' DMAX & Associates Ltd., kif jirriżulta mill-profajl tal-LinkedIn tagħha (anness hawn taħt u mmarkata bħala Dokument Ċ);*

5. *Illi bħala eċċezzjoni preliminari oħra, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-impunjazzjoni proposta mis-soċjetà debitriċi ma tistax tirnexxi għaliex mhux permessa f'dan l-istadju (i) taħt ir-Regolament (KE) 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati ("Regolament 805/2004") f'Malta u/jew fl-Italja; u (ii) lanqas taħt il-liġi Taljana skont il-kodiċi tal-proċedura ċivili.*

   *Illi European Enforcement Order tista' tiġi kontestata biss għar-raġunijiet limitati u esklussivi ta' Artikolu 21 ta' Regolament 805/2004, u 'il fuq minn hekk, kif huwa stipulat f'sotto-artikolu (2), is-sustanza tas-sentenza infurzata qatt ma tista' tiġi riveduta fir-rigward tas-sustanza tagħha mill-Qorti tal-infurzar bħal ma hi dik odjerna.*

   *In oltre, u fi kwalunkwe każ, l-impunjazzjoni tad-decreto ingiuntivo telematico ma jistax isir f'dan l-istadju fl-Italja. Is-soċjetà debitriċi tabilħaqq kellha opportunità biex tikkontesta l-ammont mitlub mid-ditta kreditriċi għal kumpens professjonali, meta ġiet pożittivament notifikata bir-rikors li permezz tiegħu l-proċeduri quddiem it-Tribunale di Milano inbdew. Minkejja dan, is-soċjetà rikorrenti naqset*

*milli topponi t-talba fil-perijodu permess taħt il-liġi proċedurali Taljana, u għalhekk, għadda in ġudikat u huwa finali u definittiv. Dawn huwa kkonfermat permezz ta' xhieda esperta maħruġa minn Professore Avvocato Massimo Benedettelli datata llum 14 ta' Ottubru 2019 (ara anness hawn taħt u mmarkata bħala Dokument D). Għalhekk id-decreto ingiuntivo telematico la jista' jiġi impunjat l-Italja u lanqas hawn Malta.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost u għar-raġunijiet hawn fuq indikati, id-ditta ta' avukati kreditriċi umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad u tirrifjuta t-talbiet kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti Vertical Group Holding Limited fir-rikors tagħha, bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti ħalliet ir-rikors għal provvediment, li qed jingħata llum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-proċedura odjerna ssegwi l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv li l-intimati eżekutanti f'din l-istanza kienu kisbu fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, liema mandat ta' sekwestru eżekuttiv inħareġ wara digriet inġuntiv telematiku mill-Qorti ta' Milan tat-30 ta' Ottubru, 2017. L-ilment prinċipali tas-soċjetà rikorrenti eżekutata huwa li hija ma kinitx ġiet debitament notifikata b'dan id-digriet skont il-liġi, għaliex id-digriet u l-inkartament kollu assoċjat miegħu, kienu tħallew ma' persuna li m'għandha l-ebda konnessjoni mas-soċjetà rikorrenti eżekutata, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti eżekutata ma ngħatatx l-opportunità li tikkontesta dan id-digriet. Is-soċjetà rikorrenti eżekutata sostniet li hija kellha kull interess li tikkontesta t-talbiet tal-intimati eżekutanti, li l-jedd pretiż tagħhom huwa li huma kredituri ċerti u likwidi tas-

soċjetà rikorrenti eżekutata fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf u tmien mitt Euro (€23,800), minħabba nuqqas ta' qbil dwar l-ammont pretiż mill-intimati eżekutanti. Huwa għalhekk li s-soċjetà rikorrenti eżekutata qiegħda tagħmel talba *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 634/2019.

L-intimati eżekutanti eċċepew li r-rikors tar-rikorrenti eżekutata għandu jiġi miċħud peress li din ma ressqet l-ebda provi dokumentarji in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha, kif jitlob l-artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12. Fuq kollox intqal li n-notifika tad-*decreto ingiuntivo telematico* saret b'mod regolari, peress li d-dokumenti tħallew fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti, u dawn id-dokumenti tħallew ma' impjegata li taħdem mal-kumpannija DMAX & Associates Limited li għandha l-istess indirizz tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti eżekutata. Ġie eċċepit ukoll li ladarba s-soċjetà rikorrenti eżekutata naqset milli tikkontesta d-*decreto ingiuntivo telematico* fit-terminu ta' żmien preskritt bil-liġi Taljana għal dan l-iskop, hija tilfet d-dritt li tikkontesta l-imsemmi digriet, bil-konsegwenza li dan id-digriet la jista' jiġi kkontestat quddiem il-Qrati Taljani u lanqas quddiem il-Qorti Maltija.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-risposta tagħhom, l-intimati ppreżentaw estratt mir-Reġistru tal-Kumpanniji bid-dettalji tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà DMAX & Associates Limited (C 37818)[1]; id-dettalji tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited (C 52240), li jirriżulta li huwa l-istess indirizz ta' DMAX &

[1] *A fol*. 11 tal-proċess.

Associates Limited[2]; estratt mill-profil tal-*LinkedIn* ta' Natalia Vella, li jirriżulta li hija direttur tal-kumpannija DMAX & Associates Limited[3]; kopja ta' *email* mibgħuta minn uffiċjal fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta bħala l-aġenzija li tirċievi, lill-Avukat Federica Serrantoni, fejn din infurmatha li n-notifika lil Vertical Group Holding Limited kienet saret fis-6 ta' Frar, 2018[4]; kopja ta' ittra rogatorja li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta bagħat lil Vertical Group Holding Limited fit-2 ta' Frar, 2018, li permezz tagħha s-soċjetà rikorrenti eżekutata ġiet innotifikata bil-proċeduri fil-konfront tagħha, *ai termini* tal-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[5]; kopja tar-rikors bl-inġunzjoni għall-ħlas li sar fit-Tribunal ta' Milan minn Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti eżekutata[6],minn fejn jirriżulta li l-pretensjoni tal-intimati eżekutanti hija għall-ħlas ta' dsatax-il elf, erba' mija u ħamsin Euro (€19,450) u spejjeż, li b'kollox jammontaw għas-somma ta' tlieta u għoxrin elf, u tmien mitt Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€23,800.22). L-intimati eżekutanti ppreżentaw ukoll kopja tal-*Payment Order No.* 26664/2017 tad-9 ta' Novembru, 2017, li ġiet maħruġa wara li ġie stabbilit li l-kreditu pretiż mid-ditta legali Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli huwa ċert, likwidu u dovut.[7] Din l-ordni tinkludi twissija lid-debituri, f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti eżekutata, li huma għandhom dritt jappellaw minn din l-ordni fi żmien ħamsin ġurnata min-notifika lilhom ta' din l-istess ordni, kif ukoll li f'każ li la jsir ħlas u lanqas jiġi intavolat appell, din l-ordni tidħol fis-seħħ u tiġi reża eżekuttiva. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kopja tal-

[2] *A fol.* 12 tal-proċess. L-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti eżekutata huwa 'DMAX & Associates', Cat Lane, Swatar, Birkirkara.
[3] *A fol.* 14 tal-proċess.
[4] *A fol.* 16 tal-proċess.
[5] *A fol.* 19 tal-proċess.
[6] *A fol.* 21 tal-proċess.
[7] *A fol.* 40 tal-proċess.

*Enforcement Order* maħruġa mill-Qorti ta' Milan fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti fl-24 ta' Settembru, 2018.[8] Din l-ordni tgħid illi:

> *"We command to all Judicial Officers requested to that effect and to whomever may be required to enforce this title against:*
>
> *- Vertical Group Holding Limited (C.F. 00000052240)*
>
> *To the public prosecutor to assist in enforcement, and to all officials of the public enforcement authorities to contribute, when lawfully requested to do so."*

L-intimati eżekutanti ppreżentaw ukoll permezz ta' nota kopja ta' '*legal opinion'* mogħtija mill-Prof. Avv. Massimo Benedettelli fl-14 ta' Ottubru, 2019.[9]

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2019, is-soċjetà rikorrenti eżekutata ppreżentat l-*affidavit* ta' **Raymond sive Ray Debono**[10], li qal li huwa direttur tas-soċjetà DMAX & Associates Limited u tas-soċjetà 'The Business Hub (Malta) Limited'. Ix-xhud speċifika li l-kumpannija 'The Business Hub (Malta) Limited tipprovdi servizzi ta' uffiċini bħala indirizz tal-uffiċċju reġistrat lill-kumpannija Vertical Group Holding Limited. Ix-xhud qal li s-soċjetà DMAX & Associates Limited hija kumpannija separata li toffri servizzi ta' *marketing, software* u *web design.* Ix-xhud qal li huwa l-kuntatt ewlieni bejn is-soċjetà The Business Hub (Malta) Limited u Vertical Group Holding Limited, għalkemm żied jgħid li huwa m'għandu l-ebda kariga mas-soċjetà rikorrenti eżekutata. Qal ukoll li s-Sinjura Natalia Vella hija impjegata tas-soċjetà DMAX & Associates Limited, u m'għandha l-ebda kariga jew funzjoni ma' The Business Hub (Malta) Limited, u lanqas mas-soċjetà Vertical Group Holding Limited. Ix-

[8] *A fol.* 60 tal-proċess.
[9] *A fol.* 66 u *a fol.* 72 tal-proċess.
[10] *A fol.* 78 tal-proċess.

xhud ikkonkluda billi qal li Natalia Vella ma kinitx ingħatat struzzjonijiet sabiex taċċetta xi dokumenti uffiċjali għan-nom tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti qiegħda tintalab mis-soċjetà rikorrenti eżekutata sabiex tirrevoka tħassar l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 634/2019 MH a tenur tal-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minħabba dak li ssostni li kienet irregolarità fil-mod kif saret in-notifika tad-digriet inġuntiv telematiku maħruġ mill-Qorti ta' Milan, wara li dan l-istess digriet tħalla ma' persuna li s-soċjetà rikorrenti eżekutata tgħid li m'għandha l-ebda konnessjoni magħha.

Tqis illi l-intimati eżekutanti kellhom pretensjoni ta' ħlas b'rabta ma' servizzi legali pprovduti minnhom lis-soċjetà rikorrenti eżekutata, u li fil-fehma tagħhom dan id-dejn kien wieħed ċert, likwidu u dovut. Kien għalhekk li l-intimati eżekutanti resqu azzjoni quddiem il-Qrati Taljani sabiex tinħareġ inġunzjoni fil-forma ta' *Decreto Ingiuntivo* fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti eżekutata fejn din ġiet ordnata tħallas dak dovut minnha. Jirriżulta li l-Qorti fl-Italja ordnat in-notifika ta' din l-inġunzjoni lis-soċjetà rikorrenti eżekutata, b'terminu ta' ħamsin ġurnata biex tersaq għall-ħlas, inkella setgħet topponi għat-talbiet tal-intimata eżekutanta. F'każ li ma jsir ebda ħlas u ma titressaq ebda oppożizzjoni mill-allegat debitur entro t-terminu mogħti lilu, l-imsemmija ingunzjoni tiġi reża eżekuttiva.

Jirriżulta li filwaqt li l-inġunzjoni bid-dokumenti relattivi ntbagħtu fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fl-1 ta' Diċembru, 2017, fis-6 ta' Frar, 2018 dawn id-dokumenti tħallew fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, li huwa l-istess uffiċċju ta' DMAX & Associates Limited. Mir-riferta jirriżulta li dawn id-dokumenti tħallew ma' ċerta Natalia Vella, impjegata ta' DMAX & Associates Limited.

Raymond Debono, direttur ta' DMAX & Associates Limited, fix-xhieda tiegħu qal li filwaqt li huwa minnu li s-soċjetà rikorrenti eżekutata għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-istess indirizz fejn jinsabu l-uffiċini ta' DMAX & Associates Limited, madanakollu Natalia Vella hija impjegata ta' DMAX & Associates Limited, u m'għandha l-ebda konnessjoni jew xi forma ta' mandat mingħand is-soċjetà rikorrenti eżekutata sabiex taċċetta ittri jew atti f'isem is-soċjetà rikorrenti eżekutata.

Tqis dak illi kien intqal mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud *vs.* Medairco Ltd.**[11], fejn kienet iċċitat dak li kienet qalet l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha:

> "Jibda biex jingħad li l-liġi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, Kap. 12 hija ta' ordni pubbliku u trid tiġi osservata *ad litteram.* Vol. XVII p. 1 p. 879;
>
> Il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi għandha tiġi osservata *alla lettera e non per equipollens.*
>
> Ir-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu osservati *ad unguem* (ara Qorti tal-Appell, 14.06.2001, **Maltacom plc *vs* Carmel u Mary Doris Muscat**).
>
> Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **Said International Limited *vs* MAC Limited et** ingħad li:

[11] 11.11.2011.

> "Huwa indiskuss li n-notifika ta' atti ġudizzjarji hi regolata bid-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Kodiċi ta' Proċedura (Kap. 12) u li l-validità tagħha tista' biss treġi jekk jiġi pprovat konklussivament li n-notifika saret skont kif fl-istess dispożizzjonijiet maħsub."

Fl-istess deċiżjoni sar riferiment ukoll għal dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Xanthippe Shipping Limited *vs.* Kontrollur tad-Dwana**[12]:

> "Il-kwistjoni tan-notifika ta' att ġudizzjarju li għandha ssir lill-kumpannija hi ben definita fil-liġi, partikolarment il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont din il-liġi, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura (Art. 187 (4) (b) f'idejn persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew segretarju tal-kumpannija jew persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu (Art. 181 (2),) u dan bil-mod indikat fl-Art. 187 (1), u ċioe billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja, jew tad-dar, jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha."

Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti fl-atti ta' din il-proċedura, ma jirriżultax li l-persuna li rċeviet l-atti, Natalia Vella, hija impjegata tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, u lanqas ma jirriżulta li din għandha r-rappreżentanza ġuridika ta' imsemmija kumpannija, jew għandha xi forma ta' awtorizzazzjoni sabiex tirċievi atti ġudizzjarji f'isem l-istess kumpannija. Għall-kuntrarju jirriżulta li Natalia Vella kienet impjegata ta' DMAX & Associates Limited, kumpannija li minkejja li għandha l-istess uffiċċju reġistrat bħas-soċjetà rikorrenti eżekutata, m'għandha x'taqsam xejn magħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li n-notifika tal-att inkwistjoni ma saritx bil-mod kif preskritt mil-liġi, u għalhekk ser tordna t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 634/2019 MH.

[12] 30.11.2007.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-mandat ta' sekwestru numru 634/2019 MH m'għandux ikollu effett u qiegħda tordna t-tħassir tiegħu.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**